MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 1288/2002

**John Mary Spiteri.**

**vs**

**Suzanne Spiteri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Novembru 2002 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi l-attur kien ko-propretarju ta' *flat* u erba' *garages* indivisament flimkien mal-konvenuta, u dan peress illi l-partijiet kienu jiffrekwentaw lil xulxin bil-ghan illi jizzewgu;

Illi l-partijiet ma baqghux jaqblu u ghalhekk, wara xi zmien, ir-relazzjoni taghhom intemmet u ghazlu illi jaqsmu l-proprjeta` li kellhom flimkien;

Illi wara arrangament maghmulha mill-konvenuta, gie redatt kuntratt notarili ta' self, tpartit u kancellament, fejn il-partijiet qasmu l-proprjeta` fuq imsemmija bejniethom filwaqt illi l-attur ghadda somma flus bhala hlas in ekwiparazzjoni lill-konvenuta ghall-proprjeta` illi kien ser jiehu huwa, liema hlas kien fil-valur ta' €11,472.16 (Lm4,925).

Illi sussegwentement wara illi gie ffirmat il-kuntratt fis-6 ta' Awissu 2001 quddiem in-Nutar Anthony Abela, l-attur induna li attwalment il-konvenuta kienet ghamlet kalkoli erroneji, bhala rizultat ta' liema kalkoli, hija thallset somma flus illi ma kellhiex tinghata, u dan peress illi, wara li ghamel il-kalkoli kollha ghal diversi drabi, rrizulta illi bhala rizultat tad-divizjoni, huwa kellu jiehu s-somma ta' €12,667.13 (Lm5,438) u mhux jghaddi flejjes lill-konvenuta, kif *di fatti* ghamel;

Illi in segwitu, l-attur ikkomunika mal-konvenuta, li stqarret li kien hemm kalkoli erroneji u li huwa kien dovut somma, izda qatt ma waslet sabiex taccetta li tghaddi l-flejjes indebitament imhallsa lilha;

Illi interpellata ripetutament sabiex tersaq ghall-hlas ossia r-rifuzjoni tas-somma hekk lilha mhallsa indebitament, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi *in vista* tal-frodi, ngann u /jew zball tal-konvenuta fuq imsemmija u frodi, ngann u zbalji ohra illi jistghu jirrizultaw fil-kors tas-smigh tal-kawza l-ammont imhallas mill-attur lill-konvenuta giet lilha hekk imhallsa indebitament u li, konsegwentement, u *in vista* ta' tali hlas indebitu, l-istess konvenuta hija obbligata illi thallas ossia tirrifondi lill-attur, is-somma, li tigi likwidata minn din il-Qorti, lilha mhallsa ndebitament.

2. Previa, okkorrendo n-nomina ta’ periti u esperti, tillikwida s-somma ndebitament imhallsa lill-konvenuta mill-attur ghall- €12,667.13 (Lm5,438) jew somma ohra verjuri u dan b’ riferenza ghac-cirkostanzi kollha materjali ghar-rapporti gjuridici bejn il-kontendenti, inkluzi, *inter alia*, l-istipulazzjonijiet tal-kontendenti, l-ammonti mhallsa mill-attur u l-kalkoli li saru qabel ma gie ffirmat il-kuntratt notarili.

3. Tikkundanna lill-istess konvenuta illi thallas ossia tirrifondi lill-atturi is-somma hekk likwidata minn din il-Qorti bl-imghax legali dekorribli mid-data tal-hlas indebitu, jew data ohra stabbilita appozitament minn din l-Qorti sad-data tal-pagament effettiv.

B’ riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettenti lill-attur.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Settembru 2002 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru. 2134/02 kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-attur a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tal-10 ta’ Marzu 2003.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 2 ta’ Frar 2004 a fol. 25 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok, fil-mertu, it-talbiet attrici huma nsostenibbli, u nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-

kunsens moghti qatt ma kien vizzjat jew mehud bi frodi, u/jew ingann u/jew zball kif qed jallega l-attur.

2. Fit-tieni lok, kif jirrizulta b' mod car minn pagna 9 tal-kuntratt il-partijiet iddikjaraw li kienu 'kuntenti u sodisfatti' bil-ftehim li ghamlu. Dan huwa ulterjorment sostanzjat u msahhah mill-attur stess b'dikjarazzjoni datata 12 ta' Marzu 2001 illi l-attur abbozza u ffirma, illi tikkonferma illi jekk hemm flus dovuti dawn huma dovuti lill-konvenuta, liema dikjarazzjoni miktuba bl-idejn qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok "SS 1". *Inoltre* komputazzjoni ohra maghmula mill-attur stess u moghtija lill-konvenuta bhala ftehim konklussiv ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha, tindika illi l-ammont ta' €13,051.48 (Lm5,603) kien ghadu dovut lill-konvenuta, kuntrajament ghal dak li qed jigi pretiz fic-citazzjoni (*vide* Dok "SS 2").

3. Fit-tielet lok, l-allegat qerq u zball qatt ma setghu jintuzaw mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur *stante* illi kemm fit-trattativi kif ukoll fl-atti finali kollox sar fil-prezenza ta' nies ohra, inkluz, hbieb, qraba tal-kontendenti u n-Nutar Abela stess illi spjega fid-dettall kull klawsola fil-kuntratt b' mod illi ma kienx hemm lok ghal ekwivoku.

4. Ghalhekk, u fir-raba' lok, il-kuntratt tas-6 ta' Awissu 2001 huwa validu u vinkolanti.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol 26 u 27 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-14 ta' Novembru 2003 sal-11 ta' Novembru 2005.

Rat n-nota attrici datata 26 ta' April 2004 fejn gie pprezentat l-affidavit tal-attur u Dok. "JS1" sa Dok "JS 5", u dik datata 17 ta' Jannar 2005 fejn gew ipprezentati l-affidavits ta' George Spiteri u William Spiteri Bailey.

Rat n-nota konvenuta datata 25 ta' Jannar 2005 fejn gie pprezentat l-affidavit tal-konvenuta u d-Dok. "SS" u dik datata 31 ta' Jannar 2006 fejn gew ipprezentati l-affidavits ta' Lorenza Farrugia u Gemma Spiteri.

Rat il-verbal tas-seduta datati 31 ta' Jannar 2006 sal-13 ta' Novembru 2007 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2008 u wara thalliet ghas-sentenza ghas-6 ta' Mejju 2008.

Rat ix-xhieda mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli nkluza dik ta' Suzanne Spiteri in kontro-ezami datata 31 ta' Ottubru 2006; tat-13 ta' Novembru 2006 fejn sar il-kontro-ezami ta' Lorenza Spiteri; dik tal-24 ta' Jannar 2007 fejn xehed in-Nutar Anthony Abela u dik tat-3 ta' Mejju 2007 fejn xehed in kontro-ezami John Mary Spiteri.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet attrici datata 6 ta' Frar 2008 u dik tal-konvenuta datata 29 ta' Frar 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza bbazata fuq l-allegazzjoni tal-attur li hallas somma flus lill-konvenuta indebitament u mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet f'din il-kawza kellhom relazzjoni serja ghal diversi snin, u f'xi zmien huma qablu li jixtru bejniethom *flat* u sussegwentement xtraw ukoll tlett garaxxijiet. Fis-Sajf 2001 din ir-relazzjoni spiccat u konsegwentement il-partijet iddecidew li jiddividu l-proprjeta' li kellhom bejniethom.

Illi fil-fatt ghamlu tali divizjoni permezz tal-kuntratt datat 6 ta' Awissu 2001 li fih l-attur ghadda somma flus bhala hlas ta' ekwiparazzjoni lill-konvenuta ghall-proprjeta' li kien se

jiehu huwa, liema hlas kien fil-valur ta’ €11,472.16 (Lm4,925).

Illi permezz ta’ din l-azzjoni l-attur qed isostni li l-konvenuta ghamlet kalkoli erroneji u dan kien frott ta’ frodi, ngann, u/jew zball *da parte* taghha u bhala rizultat ta’ dawn il-kalkoli hija tigi li thallset somma flus indebitament meta l-attur minflok jippretendi li huwa ghandu minflok huwa ghandhu jithallas minghand il-konvenuta l-ammont ta’ €12,667.13 (Lm5,438).

Illi l-konvenuta cahdet l-allegazzjoni ta’ l-attur billi eccepiet li l-kunsens moghti qatt ma kien vizzjat jew mehud bi frodi, u/jew ingann u/jew zball kif allegat. Kif ukoll irreferiet li kienu kuntenti u sodisfatti bil-ftehim li ghamlu. Hija eccepiet ukoll li waqt it-trattativi kif ukoll fl-att finali kollox sar fil-presenza ta’ nies ohra u n-Nutar spjega kull klawsola fil-kuntratt, liema kuntratt huwa validu u vinkolanti.

Illi l-attur jidher li qed jipprezenta l-azzjoni odjerna abbazi ta’ kuncett ta’ *indebiti solutio* u aktar precizament a norma tal-**artikolu 1021 u 1022 tal-Kodici Civili** u dan anke ghaliex huwa wkoll qed jitlob li jigi rifuz lilu dak li huwa qed jippretendi li hallas indebitament.

Illi fil-fatt l-artikoli li jipprovdu ghal dan il-kwazi kuntratt jipprovdu s-segwenti :-

**Artikolu 1021** *“Kull min jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li minn ghandu jkun irceviha bla jedd”.*

**1022 (1)** *“ Kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur.*

**(2)** *“Izda, dan il-jedd jispicca jekk, minhabba dak il-hlas, il-kreditur ikun, b’bona fidi, telaq minn idejh il-prova jew il-garanzija ta’ dak il-kreditu, bla hsara tal-jedd ta’ dak li jkun hallas li jdur kontra l-veru debitur”.*

Illi ghalhekk il-bazi ta' l-azzjoni ghall-indebitu huwa l-izball ta' min ikun hallas ghaliex min ihallas xjentement dak li mhux dovut ma jistax jilmenta li fil-fatt sofra xi ngustizzja jew xi dannu. L-izball ta' min ihallas biex jaghti lok ghall-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu, irid ikun zball ta' fatt, u mhux zball ta' dritt jew injoranza tal-ligi.

Illi fis-sentenza **"A. Tonna et vs C. Bugeja et"** (App Civ : 8 ta' Frar 1957) intqal li mhix ammessa l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu jekk min ghamel il-hlas kien obbligat ihallas civilment jew naturalment. F'din is-sentenza hareg car li wiehed mir-rekwiziti tal-indebitu huwa l-izball fis-*solvens.* Min jircievi l-hlas jista' jaghmel hekk tant xjentement kemm bi zball; izda min ihallas ghandu tabilfors ikun fi zball, biex tista' tikkompeti lilu l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' dak li huwa jkun hallas indebitament; u hu evidenti li l-fondament ta' din l-azzjoni huwa l-izball f'min ikun hallas – zball li minnu ma ghandux japprofitta ruhu min ikun ircieva l-hlas. Izda jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-*solvens* u b'mod specjali jekk issir il-prova li dak is-*solvens* kien jaf bic-cirkustanzi li minhabba fihom ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas. F'dan il-kaz, min ikun hallas ma jistax jilmenta bir-ragun; u jekk kellu xi dannu, *imputet sibi.*

Illi fis-sentenza **"Maria Grech vs Filippo Abela"** (Q.K. – 11 ta' April 1961) inghad li biex ikun hemm lok ghar-ripetizzjoni ta' ndebitu jehtieg fl-ewwel lok li jkun sar pagament, fit-tieni lok li l-pagament ma kienx dovut, u fl-ahharnett li l-pagament ikun sar bi zball. Ir-ripetizzjoni, kwindi, tista' tigi ezercitata ghall-prestazzjonijiet kollha kompjuti minghajr ma kienu dovuti u bi zball. Din il-Qorti kompliet :-

*"Jista' jkun hemm pagament mhux dovut f'diversi ipotesijiet, u wahda minn dawk l-ipotesijiet, wiehed mill-aspetti li tahthom pagament ma jkunx dovut, hu, kif sewwa rrileva l-perit, meta jkun jidderiva minn titolu annullabbli, rexxindibbli, rizolubbli u revokabbli, u jkollu kontra tieghu eccezzjoni perentorja tajba biex*

*tiddistruggieh, mhux biss civilment, imma anki naturalment";*

*"Il-pagament hu maghmul bi zball meta jsir fl-opinjoni zbaljata li tkun qieghda tigi ezegwita obligazzjoni, minghajr distinzjoni bejn zball ta' fatt u zball ta' dritt, sakemm l-izball ta' dritt ikun il-kawza unika jew principali tal-pagament u l-haga ma tkunx dovuta lanqas ghal obligazzjoni naturali;"*

Illi fis-sentenza **"Paolo Bonnici Ltd vs Kontrollur tad-Dwana"** (Cit Nru: 2154/97/RCP – 2 ta' Ottubru 2001) inghad *"illi ……. dan l-istitut ta' indebiti solutio huwa intiz sabiex il-parti li tkun hallset indebitament dak li in verita' ma jkunx dovut minnha, tkun tista' tirkupra dak li hija hallset lura, u b'hekk tigi re-integrata fil-posizzjoni taghha kif kienet qabel ma sar tali hlas, hlief fil-kaz ta' mala fede ta' min ikun ircieva dak l-indebitu, fejn ikunu jridu jsiru hlasijiet ulterjuri skond il-ligi.*

*Illi ghalhekk gust u ovvju li sabiex tirnexxi din l-azzjoni d-debitur ma jridx ikun gja gie kkumpensat b'mod iehor, jew diga' rcieva l-ammont minnu mhallas b'mod iehor, ghaliex allura jekk jerga' jithallas mill-kreditur, huwa ma jkunx ircieva rifuzzjoni ta' dak li huwa hallas, izda ikun qed jaghmel profitt ghaliex jircievi d-doppju tal-ammont li huwa hallas. Certament li dan ma huwiex l-ispirtu ta' dan l-istitut legali,…"*

Illi dawn l-insenjamenti gew ikkonfermati fis-sentenza **"Paul Camilleri vs Silvio Mifsud et"** (App Civ: 645/81 – 8 ta' Mejju 2001); kif ukoll, fis-sentenza **"Korporazzjoni EneMalta vs Renato Sacco et"** (App Civ: 875/97/PS – 16 ta' Dicembru 2002).

Illi rrizulta mill-provi li l-partijiet l-ewwel ma xtraw kien il-*flat* u sabiex jixtruh kienu hadu self fuqu. Imbaghad xtraw il-garaxxijiet li hallsu d-depoziti fuqhom u kien ghad fadlilhom pagamenti x'jithallsu. Meta r-relazzjoni tal-partijiet spiccat huma baqghu xorta wahda jhallsu l-pagamenti tas-self. Saru diversi trattattivi bejniethom, u gabu *property negotiator* biex jistma l-proprjetajiet. Inghad

li l-garaxxijiet gew stmati komplessivament fis-somma ta' €41,928.72 (Lm18,000) u l-appartament gie stmat €81,528.07 (Lm35,000).

Illi minn Dok. "SS1" (datat 12 ta' Marzu 2001 a fol. 28 tal-process) jirrizulta li originarjament il-partijiet ftehmu hekk u dan id-dokumenti gie ffirmat miz-zewg partijiet:-

*"Wara qbil u ftehim li sar bejnietna, ahna ddecidejna li l-proprjeta' li ghandna u bid-dejn li fadal fuqha jinqasmu hekk :-*

*John Mary Spiteri jzomm il-flat u*
*Suzanne Spiteri zzomm il-garaxxijiet.*

*John irid jaghti d-differenza ta' kif gie stmat il-bini msemmi u nofs id-dejn li fadal fuq il-garaxxijiet lil Suzanne, u wara titnaqqas id-differenza li John hareg aktar minn Suzanne".*

Illi l-attur xehed li huwa kien ghamel il-kalkoli ta' kif kellhom jinqasmu l-proprjetajiet u l-ispejjez li kellhom jigu rimborsati u dan meta kien wahdu u b'hekk ipprepara d-dokument a fol. 29 tal-process. F'dawn iz-zewg dokumenti huwa evidenti li l-attur stess m'ghamilx referenza ghad-dejn li kien hemm fuq il-*flat* u ma hemm ebda dubju lanqas li dawn il-kalkoli saru minnu.

Illi dan id-dokument imbaghad l-attur ghaddieh lil oht il-konvenuta, Lorenza Spiteri (*accountant* u *qualified auditor*) li b'hekk sar imbaghad Dok. "JS 1" (a fol 40 tal-process). Minn dan id-dokument jirrizulta li Lorenza Spiteri hadet l-informazzjoni min-notament li kien ghaddielha l-attur pero' semmiet ukoll id-djun li kienu dovuti lill-bank. Minn hemmhekk jirrizulta l-ammont li l-partijiet waslu ghalih u li thallas fuq il-kuntratt mill-attur lill-konvenuta.

Illi waqt li kienu ghaddejjin dawn it-trattativi bejn il-partijiet hadd minnhom ma ha parir legali anki ghaliex huma baqghu hbieb wara li spiccat ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Illi l-attur isostni li huwa kien jafda kompletament lil oht il-konvenuta u b'hekk ma qaghadx jikkwestjona id-

dokument li tatu – Dok. “JS1”. Wara li kienu ftehmu dwar kollox, l-attur xehed li marru flimkien il-Bank u marret anki maghhom Lorenza Spiteri sabiex isir arrangement mal-Bank. Fi kliemu stess *“dan kien necessarju ghax il-loan tal-bank, li kellu jdur fuqi biss, kien ikopri kemm il-flat kif ukoll il-garage nru 1. Apparti minn hekk, il-Bank kellu jaqbel li jiena nibqa’ responsabbli ghal-loan wahdi, u dan fuq il-flat biss”.*

Illi imbaghad gie redatt il-kuntratt tas-6 ta’ Awissu 2001. L-attur xehed li hafna xhur wara rcieva l-karta tal-*income tax* u mar ghand l-*accountant* tieghu William Spiteri Bailey. Hekk kif beda jaghmel il-kalkoli skond il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom huwa sostna li mhux talli l-attur ma kellux ihallas lill-konvenuta s-somma ta’ €11,472.16 (Lm4,925) izda li huwa kellu jithallas is-somma ta’ €1,197.30 (Lm514). L-attur xehed in kontro-ezami li skond huwa l-hazin li sar minn Lorenza Spiteri kien li d-dejn tal-bank ma nqasamx. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu huwa ssottometta li bhala pendenzi ttiehdu biss in konsiderazzjoni l-pendenzi finanzjarji li kienu dovuti a rigward il-proprjeta’ li kienet se tiehu l-konvenuta u fil-kalkoli taghha ma ttiehdux in konsiderazzjoni l-pendenzi finanzjarji li kienu dovuti a rigward il-proprjeta’ li kien se jiehu huwa cioe’ l-*loan* tal-appartament.

Illi fin-nota tieghu l-attur sostna li huwa gie mwassal mill-konvenuta sabiex jaghmel zball, liema zball huwa ma kienx a korrent li ghamel u ghalhekk kwalsiasi dikjarazzjoni li huwa ghamel fejn iddikjara li huwa kuntent huwa soggett ghal dan il-fatt ukoll. B’hekk huwa jishaq li l-kunsens tieghu gie vizzjat b’raggiri *da parte* tal-konvenuta u l-familja taghha. Jidher ghalhekk car, skond huwa, li hemm kwistjoni ta’ vizzju ta’ kunsens, kemm ibbazat fuq ghemil doluz kif ukoll zball fuq stat ta’ fatt.

Illi l-konvenuta cahdet l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur fil-konfront taghha u ta’ familtha. Anzi hija xehdet li hija cediet ghall-pressjoni ta’ James. Infatti hija rat is-somma ta’ €9,317.49 (Lm4,000) li talab l-attur ghal xoghol fl-appartament u garaxxijiet bhala wahda esagerata. Imbaghad sar qbil li thallsu €4,658.75 (Lm2,000) u dan

sabiex kemm jista' jkun tehles malajr peress li z-zmien kien ghaddej u kienet qeghda tohrog il-flus tas-self. Hija xehdet fl-affidavit taghha hekk:-

*"Ghalhekk ladarba gie miftiehem bejnietna li jien kont ser niehu l-garaxxijiet u hu kien ser jiehu l-appartament, u ddikjara illi ser itini nofs id-dejn tal-garaxxijiet (dan iddikjarah permezz ta' Dok SS1 illi huwa tani flimkien ma' Dok SS2. Nghid hawnhekk illi kieku ma accettax ihallas nofs id-dejn tal-garaxxijiet u jtini s-somma dovuta lili ta'* €13,051.48 (*Lm5,603), jiena ma kontx nikkuntratta mieghu fis-sens illi kieku ma kienx hekk jien kont nibqa' ninsisti li nbieghu kollox u naqsmu r-rikavat".*

Illi l-konvenuta ghamlet referenza ghall-klawzola fil-kuntratt fejn inghad *"illi l-kompermutanti prezentement, jiddikjaraw li huma kuntenti u sodisfatti bil-proprjetajiet li qed jigu assenjati lilhom u li m'ghandhom ebda pretenzjonijiet kontra xulxin fuq il-beni hawn imsemmija; u jekk stess kellhom qeghdin iceduhom minnufih u rrevokabilment, darba ghal dejjem".*

Illi fin-nota taghha l-konvenuta sostniet li s-sottomissjonijiet maghmula mill-attur fin-nota mhumiex cari ghal kollox u jidhru li jakkumulaw bhala argument wiehed zewg istituti li huma reciprokament esklussivi. Hija sostniet li wara li l-attur espona n-normi giuridici dwar il-hlas indebitu huwa ghadda biex issottometta li l-hlas sar indebitament ghaliex huwa kien gie frawdolentement indott jaghmel zball meta huwa resaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-6 ta' Awissu 2001 li bih il-kontendenti qasmu l-gid komuni u thallset l-ekwiparazzjoni li qed tigi attakkata b'din il-kawza u li huwa jallega li jikkostitwixxi l-hlas indebitu.

Illi hija ssostni li l-hlas indebitu huwa kwazi kuntratt u jikkontempla l-hlas ta' fejn ma hemmx dejn jew obbligu. Hija targumenta li kif dan l-istitut u l-gurisprudenza dwar l-effetti tieghu qed jigi nvokat u citat f'cirkostanzi fejn l-obbligu ta' hlas jemani minn kuntratt ma huwa car xejn. Ghalhekk huwa zgur li din is-sottomissjoni, li min-natura taghha tippreskludi l-ezistenza ta' obbligu, ma tistax tigi

abbinata mas-sottomissjoni maghmula simultanjament mill-attur li l-obbligu li huwa kkontratta fl-imsemmi kuntratt kien vizzjat b’qerq jew zball.

Illi l-konvenuta sostniet ukoll li l-iskop tal-azzjoni ghall-hlas indebitu huwa li jigi rifuz u mhallas lura mir-recipjent lil min ikun hallas zbaljatament. Izda f’din il-kawza l-attur mhux biss talab ir-rifuzjoni tal-hlas li allegatament sar minnu izda qed jitlob ukoll il-hlas ta’ somma ohra li ghandha tirrizulta bhala pagabbli lilu. B’hekk din l-azzjoni m’ghandha x’taqsam xejn x’taqsam mal-istitut kwazi-kuntrattwali mahsuba fil-ligi.

Illi wara li kkunsidrat dan kollu, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dak li ssottomettiet il-konvenuta huwa korrett. Infatti mill-mod kif giet redatta c-citazzjoni attrici jirrizulta li l-attur ibbaza l-azzjoni tieghu fuq zewg istituti totalment differenti minn xulxin – cioe’ l-*indebiti solutio* u vizzju ta’ kunsens. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu l-attur sostna li l-kawza pprezentata minnu hija azzjoni ta’ ripetizzjoni ta’ indebitu. Madankollu kkwota wkoll gurisprudenza relatata ma’ vizzju tal-kunsens abbazi ta’ ghemil doluz kif ukoll zball fuq stat ta’ fatt.

Illi kif qalet tajjeb il-konvenuta dawn iz-zewg azzjonijiet huma reciprokament esklussivi. L-attur ried jaghzel azzjoni minn ohra, haga li ovvjament f’dan il-kaz ma ghamlux.

Illi f’dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Maria Galea vs Grace Borg”** (Cit Nru: 1988/97/PS – 12 ta’ Frar 2005) li rreferiet ghall-gurisprudenza li diga’ saret referenza ghaliha f’din is-sentenza fejn inghad li:-

*“Il-hlas li sar jirrizulta certament minn konvenzjoni bejn l-attrici u l-konvenuta. Ma jistax ghalhekk ikun sostenut illi l-obbligazzjoni hija inezistenti jew li l-pagament li sar hu null ghax bla kawza. Dak li forsi jista’ jinghad hu li l-konvenuta ma ddizimpenjatx u ma ssodisfatx l-obbligazzjoni taghha li tikkonferixxi l-kirja fil-kumpanija. Tali inadempjenza tista’ se mai twassal ghall-annullament jew rexissjoni tal-konvenzjoni izda fil-kaz in ispecje dan ma ntalabx, u*

*allura, kif jinsab ritenut, 'l-azzjoni ta' l-indebitu ma tistax tikkonfondi ruhha ma' dik tan-nullita' jew tar-rexissjoni'* (Kollez. Vol. XXI P1 p 103);"

Illi bla ebda dubju l-kaz in kwistjoni jinkwadra ruhu f'dak li qalet l-Onorabbli Qorti. Infatti l-hlas li sar kien rizultat ta' ftehim ta' divizjoni li sar bejn il-partijiet u li l-kalkoli waslu ghall-ekwiparazzjoni li kellha bzonn issir. Ghalhekk jirrizulta li tali hlas dejjem sar a bazi ta' relazzjoni kontrattwali u allura jirrizulta li r-relazzjoni li qed illum jattakka l-attur hija wahda kontrattwali u allura l-attur jirrizulta li hallas abbazi ta' l-istess obbligazzjoni u kuntratt li dahhlu bejniethom il-partijiet u ghalhekk ma jistax isostni li huwa hallas bi zball u minghajr ebda obbligu ta' xejn u b'hekk wiehed mir-rekwiziti sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' kwazi kuntratt ta' *indebiti solutio* ma jistax jinghad li jezisti.

Illi fil-fatt minhabba n-natura tar-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet tali allegat zball ta' hlas, anke jekk jigi ppruvat, kellu *se mai* jwassal ghall-annullament jew rexissjoni tal-kuntratt redatt izda fil-kaz in kwistjoni dan ma ntalabx, u kwindi, l-azzjoni ta' indebitu ma tistax tikkonfondi ruhha ma' dik tan-nullita' jew tar-rexissjoni ta' kuntratt minhabba vizzju ta' kunsens. F'dan is-sens jinghad li l-azzjoni li l-attur kellhu ghalhekk jistitwixxi kienet dik ta' rexxissjoni ta' kuntratt minhabba vizzju ta' kunsens.

Illi bhala fatt din il-Qorti thoss li dawn lanqas gew ippruvati u dan kemm peress li l-ftehim originali redatt fi skrittura privata gie maghmul mill-attur stess u fih ma kienx hemm inkluzi l-kalkoli tas-self li kienu saru fuq il-*flat*, u wkoll huwa sinfikanti li jekk wiehed ihares lejn l-istess kuntratt jirrizulta li l-valur tal-*flat* kien indikat fl-ammont ta' €55,904.96 (Lm24,000), meta hawn qed isemmi s-somma ta' €81,528.07 (Lm35,000), mentri jinghad li l-garaxxijiet gew stamati fl-ammont ta' €41,928.72 (Lm18,000), meta fil-kuntratt l-ammont imsemmi bhala l-valur tal-istess *flat*s huwa dak ta' €28,884.23 (Lm12,400). Fil-fatt mill-qari tal-kuntratt innifsu dawn ic-cifri ta' valutazzjoni ma jidhru mkien. Infatti jirrizulta li fl-istess kuntratt jinghad li (a fol.49) :-

*"U fit-tieni lok, ta' din ir-raba' parti ta' dana l-kuntratt, l-imsemmija Suzanne Spiteri, qieghda tassenja u tittrasferixxi, b'titolu ta' tpartit a favur ta' John Mary Spiteri, li qed bl-istess titolu ta' tpartit, jakkwista u jaccetta, nofs indiviz (waqt li l-kumplament huwa tieghu, u b'hekk ikollu l-intjier) tal-flat internament immarkat bin-numru tnejn (2), 'Bilom Flats', Triq il-Qaliet, Marsascala, bl-accessorji tieghu, inkluzi l-garaxx fuq deskritt maghruf bhala 'G1', kollox kif fuq ahjar deskritt, u dan ta' valur dan in-nofs indiviz ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000 =* €27,952.48*).*

*Minn dan il-valur, is-somma ta' erbat elef, disa' mija u hamsa w ghoxrin lira (Lm4,925 =* €11,472.16*), qed tithallas mill-Bank lil Suzanne Spiteri, in esekuzzjoni tad-delega maghmula fl-ewwel parti ta' dan il-kuntratt minn John Mary Spiteri lill-Bank, u ta' liema somma, Suzanne Spiteri, qed thalli d-debita ricevuta".*

Illi aktar 'l isfel fl-istess pagna jirrizulta li :

*"U fit-tielet lok, ta' din ir-raba' parti ta' dan il-kuntratt, l-imsemmi John Mary Spiteri, qed jassenja u jittrasferixxi, b'titolu ta' tpartit a favur ta' Suzanne Spiteri, li qed bl-istess titolu ta' tpartit, takkwista u taccetta, nofs indiviz (waqt li l-kumplament huwa taghha, u b'hekk ikollha l-intjier) tat-tlett (3) garages internament immarkati bin-numri wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3) [gie li wkoll referit bhala internament immarkat bin-numru wiehed (1)], accessibbli minn mina u dahla li jizbokkaw fi Triq il-Qaliet, Marsascala, kif fuq ahjar deskritti, u ta' valur dan is-sehem indiviz ta' sitt elef u mitejn lira Maltin (Lm6,200 =* €14,442.12*).*

*Illi kwalunkwe ekwiparazzjoni qed tithallas."*

Illi ghalhekk minn dan kollu jirrizulta li l-*flat* gie stmat fl-ammont ta' €55,904.96 (Lm24,000) u l-garaxxijiet fl-ammont €28,884.23 (Lm12,400) u b'hekk jirrizulta li l-kalkoli li qed jaghmel l-attur ma humiex lanqas il-bazi tal-kuntratt redatt fis-6 ta' Awissu 2001 u b'hekk ma jistax

jinghad li l-attur issodisfa l-oneru ta’ prova li tispetta lilu li huwa ghamel xi pagament bi zball.

Illi din il-Qorti thoss li meta jigu ezaminati l-provi kollha migjuba f’din il-kawza jirrizulta li hekk kif spiccat ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, l-attur huwa xtaq li jzomm il-*flat* ghalih u li tant riedu li kien lest li jassumi d-dejn li kien hemm fuq l-istess *flat* huwa u dan jirrizulta kkonfermat mill-iskrittura li giet esebita bhala Dok. “SS1” u kif ukoll mix-xhieda tieghu. Sussegwentement ghadda l-kalkoli li ghamel huwa stess lill-oht il-konvenuta, Lorenza Spiteri, li ttajpjat il-kalkoli li ta l-attur pero’ ziedet ukoll id-djun li kienu ezistenti. L-attur xehed huwa stess li Lorenza Spiteri m’ghamlet xejn hazin billi nizzlet il-*loans* li kien hemm, izda l-attur llum qed jghid li dak li sar hazin kien li d-dejn fuq il-*flat* ma nqasamx, izda din bhala prova ma tirrizultax li kienet parti mill-ftehim bejn il-partijiet. Dan kien differrenti mill-kaz tal-garaxxijiet fejn id-dejn li kien hemm fuqhom jirrizulta li gie assunt nofs b’nofs mill-partijiet.

Illi fil-fatt il-versjoni odjerna ta’ l-attur hija kontradetta mhux biss mid-dokumenti fuq indikati izda mill-affidavit tal-konvenuta fejn hija tghid li johrog car li li kieku l-ftehim kien mod iehor hija ma kenitx taccetta li jigi redatt il-kuntratt cioe’ li huwa jassumi nofs id-dejn tal-garaxxijiet u li jaghtiha somma kif anki jirrizulta minn Dok. “SS1” u mid-Dok. “JS1”.

Illi ghalhekk lil din il-Qorti jirrizultalha li l-attur meta hallas is-somma in ekwiparazzjoni kien konxju ta’ dak li kien qed jaghmel anki ghaliex dakinhar stess tal-kuntratt ghamel certu kalkoli li jirrizultaw proprju minn Dok.  “JS 1” (a fol. 40 tal-process) (fejn hemm  bil-kitba) li rrefera ghad-dejn tal-bank fuq il-garaxx. Allura ma jistax imbaghad ighid li huwa hallas bi zball. In-Nutar Abela innifsu xehed li l-kuntratt intbaghat lill-partijiet qabel ma gie ffirmat kif ukoll li n-Nutar spjegalhom il-klawzoli.

Illi dan dejjem qed jinghad in kwantu l-azzjoni hija bbazata fuq il-kuncett ta’ *indebiti solutio* li twassal ghar-rifuzzjoni jew hlas lura tas-somma indebitament imhallsa u jidher li l-azzjoni attrici hija hekk ibbazata u ghalhekk minhabba

dak premess l-istess azzjoni kif imressqa l-quddiem mill-attur ma tistax tirnexxi la legalment u lanqas fattwalment.

Illi jidher li l-istess attur hallat din l-azzjoni ma' dik ta' rexxissjoni ta' kuntratt minhabba frodi jew ingann jew minhabba zball *da parte* tal-istess attur – azzjoni li hija bbazata fuq vizzju ta' kunsens u li allura twassal ghat-thassir tal-istess kuntratt, haga li ma ntalbitx f'din il-kawza u fil-fatt din il-Qorti thoss li kieku l-azzjoni kienet ibbazata fuq vizzju ta' kunsens dan kien iwassal ghal talba ghall-annulament tal-kuntratt ghaliex il-Qorti ma tistax tvarja parti mill-istess kuntratt ghaliex kieku jsir dan il-Qorti tkun qed tohloq ftehim differenti minn dak pattwiet bejn il-partijiet (**"Hecnef Properties Limited vs Stephen Koludrovic"** – P.A. 20 ta' Marzu 2003) u dan huwa wkoll rizultat tal-kuncett ta' indivizibbilta' ta' kuntratt fis-sens li l-ebda kuntratt ma jista' jigi mpunjat *in parte* u dan ghaliex l-kuntratt huwa mezz sabiex il-partijiet jaghtu u jiehdu vantaggi u zvantaggi u jkun kompletament ingust u inekwu li parti wahda f'transazzjoni zzomm dak li tkun hadet, izda ccahhad lill-parti l-ohra minn dak li tkun tatha. *"It-transazzjoni ma tistghax tinqasam fi bcejjec, izda tifforma haga wahda fil-partijiet kollha miftehma"* **(Vol. XXIX.ii.438).**

Illi pero' anke jekk jigi ezaminat dan l-aspett legali mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-attur kien b'xi mod ingannat mill-konvenuta jew mill-familjari taghha u dan peress li kien huwa li ghamel l-ewwel kalkoli u kien huwa li rrediga l-iskrittura privata datata 12 ta' Marzu 2001 fejn appuntu s-self fuq l-post ma jissemmiex u ghamel il-kalkoli huwa kif jidher mid-Dok. "SS 1" u fil-fatt jirrizulta mill-kontro-ezami ta' l-istess attur li anke jekk l-istess kalkoli li ghamel huwa gew approvati minn oht l-attrici Lorenza Spiteri, dan kien sar ghaliex f'mohh l-attur *"il-flat kien qieghed jikkompensa d-dejn li jiena kont qed nassorbi…."* .

Illi jidher ghahekk li mill-provi ma gie ppruvat l-ebda element ta' ingann tali li jwassal ghar-rexxissjoni tal-kuntratt, u certament l-iktar li jista' jinghad huwa biss li *se mai* l-attur ghamel kalkolu hazin u dan ghaliex ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega fl-interess tieghu **"Carmel**

**Farrugia vs Alexandra Farrugia"** (P.A. – 6 ta' Marzu 2003) u certament ma kien hemm ebda ingann *"tali li ma jhallix lill-kontrajent ingannat il-kuxjenza ta' dak li kien qieghed jaghmel u l-indipendenza tal-kunsens tieghu; u tali wkoll li minghajru ma kienx jikkuntratta. Id-dolo jipproduci l-izball u dan irid ikun invincibbli…."* **("Joseph Vella et vs Nazzareno Farrugia et"** – P.A. 27 ta' Frar 2003).

Illi l-istess jinghad li dwar l-element ta' zball li jwassal ghar-rexxizzjoni ta' kuntratt, liema element ta' zball ghandu jkun determinanti, soggettiv, unilaterali u skuzzabbli u b'hekk indott mill-agir tal-parti l-ohra u wiehed li mhux facilment accertabbli **("Anthony Piscopo vs Charles Filletti"** – P.A. – 16 ta' Gunju 2003). *Se mai* jirrizulta li t-tezi tal-attur, li ma gietx accettata minn din il-Qorti, jwassal biss sabiex jinghad li l-izball ma kienx wiehed skuzabbli ghaliex kien frott ta' negligenza kbira tal-attur stess u dan ghaliex facilment seta' jinduna bl-allegat zball kieku qaghad anke ftit attent. **("Carmelo Barbara vs Joseph Camenzuli" –** P.A. 20 ta' Ottubru 2005; **"Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia"** – P.A. – 6 ta' Marzu 2003).

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **u tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------